KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tat-Tlieta u Ħamsin (53) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li ġiet imsejħa b'Urġenza u li nżammet fl-Uffiċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 6 ta' Marzu, 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fit-7.45 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Is-Sindku Perit Graziella Galea | 7.43p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Viċi-Sindku John Bray | 7.50p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Alfred Grima | 7.25p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Tabone | 7.25p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Alex Bezzina | 7.25p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Jason Camilleri | 7.30p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Frank Gauci | 7.25p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Peter Abela | 7.47p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Martin Zerafa | 7.48p.m. | 8.46p.m. |
| Il-Kunsillier Ray Bartolo | Skużat | |
| Il-Kunsillier Mario Camilleri | 7.43p.m. | 8.46p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.00 Petizzjoni sabiex jinstab sit adekwat għall-użu mill-Qawra Scouts Group.**

Is-Sindku l-Perit Graziella Galea bdiet billi qrat l-ittra tat-2 ta' Marzu li hija kienet irċeviet mingħand erba' (4) kunsilliera fejn dawn talbu li fl-inqas żmien possiblli tissejjaħ laqgħa straordinarja tal-Kunsill Lokali sabiex jinstab post alternattiv fejn l-iScouts tal-Qawra jkunu jistgħu jiltaqgħu wara li dan l-aħħar kienu seħħew xi żviluppi u spiċċaw mingħajr post fejn jistgħu jiltaqgħu.

Is-Sindku qrat ukoll petizzjoni li ġiet ippreżentata lil-Prim Ministru, lilha bħala Sindku u lill-Kunsill.

Is-Sindku stiednet lil-kunsilliera kollha sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom dwar dan is-suġġett.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li huwa kien ra l-postijiet offruti lil is-Scouts Group tal-Qawra u li ħass li ma kienux addattati. Huwa qal li ma għandux ikun hemm diffikulta li t-talba tal-iScouts għal 'Barracks' li dan l-aħħar kienu f'idejn il-GO u li issa ġew lura f'idejn il-Gvern, tiġi milqugħa. F'isem il-grupp tal-kunsilliera tal-partit laburista huwa kien qed jitlob li l-iScouts jingħataw dak li jixirqilhom..

Il-Kunsillier Mario Camilleri staqsa lis-Segretrarju Eżekuttiv jekk qatx kellu xi talba ta' din il-kwalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda fin-negattiv. Is-Sur Camilleri kompla jgħid li huwa jaqbel mat-talba tal-iScouts kif ippreżentata mill-kunsillier Alfred Grima iżda kien jidher li din ġiet ippreżentata issa bħala mossa politika u għalhekk l-iScouts kienu qed jiġu wżati politikament.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li jekk għandhom bżonn, il-Kunsill għandu jaqdihom iżda huwa staqsa fejn kien il-Kunsillier Grima qabel u mhux jiġi issa fl-aħħar tal-leġislatura tal-Kunsill b'din it-talba għal-laqgħa straordinarja meta huwa kien barra minn Malta matul bosta miż-żmien tal-leġislatura.

Wara bosta battibekki, il-Kunsillier Alfred Grima qal li huwa kien ressaq proposta sena ilu filwaqt li l-Kunsillier Abela irrisponda li s-Sur Grima imissu kien hawn Malta sabiex imexxi dik il-proposta 'l quddiem.

Il-Kunsillier Martin Zerafa qal li huwa ma xtaqx li din l-aħħar laqgħa tal-Kunsill tkun waħda politika u tfiħ ta' tajn. Minflok, il-Kunsill għandu jsib soluzjoni ġusta billi l-kummenti jkunu kkonċernati fuq din il-problema u mhux fuq politika partiġjana.

Il-Viċi-Sindku Bray qal li huwa kien jaqbel mal-petizzjoni u kien tajjeb li wieħed isib soluzjoni iżda illum kien diffiċli li f'dan iż-żmien ta' elezzjoni tissejjaħ laqgħa urġenti u wieħed jippretendi soluzjoni ta' malajr. Huwa talab li din il-kwistjoni tiġi trattata wara l-elezjoni.

Il-Kunsillier Alex Bezzina qal li jekk hu possibli l-Kunsill għandu jara li l-iScouts jingħataw il-'Barracks' kif kienet ix-xewqa tagħhom.

Il-Kunsillier Frank Gauci qal li huwa kien jiddispjacih li ma kienx ser jkun jista jkompli jgħin f'din il-kwistjoni fil-Kunsill li jmiss għax ma kienx ser jerġa' jikkontesta iżda xorta waħda xtaq isemmi lista ta' tmien postijiet li l-iScouts jistgħu jingħataw. Meta semma dawn il-postijiet, inġibdet l-attenzjoni li dawn kienu kollha propjetajiet privati. Il-Kunsillier Gauci qal li huwa xtaq li jgħin lil dawn in-nies.

Il-Kunsillier Jason Camilleri qal huwa kien jaqbel perfettament u li kien żball li ddaħlet il-politika f'din il-kwistjoni.

Is-Sindku qalet li l-għan tagħha kien li tinstab soluzzjoni għall-iScouts u għat-tfal tal-lokalita' u li bl-ebda mod din il-kwistjoni ma għandha tintuża bħala mossa politika sabiex nagħmlu 'show'.

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li l-mozzjoni saret minħabba l-aħħar żviluppi li kienu seħħew u li kien issa li l-post tal-GO reġa' ġie lura għand il-Gvern. Huwa żied jgħid li xorta waħda s-sit f'Kennedy Grove kien ukoll sit adekwat jekk jiżdied aktar spazju miegħu. Huwa fakkar li s-Sur Alfred Grima kien ippropona il-post fejn kien hemm il-latrina fil-pjazza ta' Bugibba.

F'dan il-ħin (8.25p.m), is-Sindku ssospendiet il-laqgħa għal ftit minuti sabiex membri tal-iScouts li kienu preżenti jkunu jistgħu jitkellmu u juru l-veduti tagħhom.

Meta tkompliet il-laqgħa (8.37p.m.), is-Sindku wriet l-apprezzament tagħha għax-xogħol tal-iScouts, għall-fatt li dawn il-membri tal-iScounts kienu japprezzaw li l-Kunsill kollu kien lest jgħin u tar-ringrazjament tagħhom għas-sejħa ta' din il-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Alfred Grima ippropona li l-Kunsill juża' l-mezzi legali tiegħu kollha sabiex jitlob lill-Gvern jgħaddi l-art li kienet tal-'GO' għal dan l-iskop.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li wieħed ried jara xi skop u proġetti kellu l-Gvern Centrali għal dan is-sit u li għalkemm huwa kien jaqbel mal-proposta huwa ried iqis ukoll l-intenzjonijiet li kellu l-Gvern.

Il-Kunsillier Peter Abela wkoll qabel mal-proposta iżda bħala Kunsillier huwa ma setax iwiegħed li din kienet ser tirnexxi u għalhekk huwa ssuġġerixxa li l-proposta tinbidel billi wieħed jitlob kwalunkwe sit li huwa addattat u mhux bilfors is-sit imsemmi.

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li huwa ma kienx jaħseb li l-Gvern kien diġa' deċiż x'ser jagħmel b'dan is-sit u għalhekk kien importanti li l-Gvern ikun informat bl-intenzjoni tal-Kunsill dwar dan is-sit. Il-Kunsill għandu jitlob u jiffoka fuq dan is-sit.

Il-kunsillier Abela insista li wieħed kellu jħalli l-opzjonijiet aktar miftuħa.

Il-Kunsillier Martin Zerafa qal li kulħadd kien jaqbel li kien hemm proposta għal dan il-post bħala soluzjoni temporanja.

Sar qbil unanimu fuq din il-proposta.

Is-Sindku l-Perit Graziella Galea ipproponiet li l-Kunsill kien joffri il-*premises* tiegħu bħala alternattiva temporanja meta dan ikun possibli sakemm jinstab post adekwat.

Sar qbil unanimu ukoll fuq din il-proposta.

Il-Kunsill inkariga lis-Sur Alfred Grima u lis-Sindku l-Perit Graziella Galea sabiex jikkoperaw bejniethom sabiex tinstab soluzzjoni mill-aktar fis.

**2.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Il-Laqgħa spiċċat fid-8.45 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **Perit Graziella Galea**<br>**Sindku** | **John J. Camilleri**<br>**Segretatju Eżekuttiv** |
| 23 ta' Marzu 2012 | Ref: 55 / 2871 / 12 / OCZ |